MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 2473/2000/1

**Joseph u Carmen konjugi Calleja**

**v.**

**Kenneth Mizzi u b'digriet tat-23 ta' Gunju, 2004 giet kjamata in kawza s-socjeta` S.A.K Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li pprezentaw l-atturi fis-17 ta' Novembru 2000, li jaqra hekk:

"Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond "White Rabbit", Triq Dun Karm, B'Kara Bypass, B'kara;

“Illi l-konvenut huwa proprjetarju tal-fond adjaċenti għal dak ta’ l-atturi;

“Illi l-konvenut ta l-inkarigu sabiex jitwettqu xogħlijiet strutturali fuq il-proprjeta’ tiegħu li tinsab mibnija maġenb il-fond proprjeta’ ta’ l-atturi;

“Illi bħala konsegwenza ta’ dawn ix-xogħlijiet strutturali li twettqu fuq il-fond tal-konvenut, l-atturi sofrew danni strutturali fil-proprjeta’ tagħhom;

“Illi dawn id-danni ġew stmati li jlaħħqu s-somma ta’ elf, seba’ mija u tmienja u erbgħin Lira Maltin u erbatax-il ċenteżmu (Lm1,748.14), skond stima hawn annessa u mmarkata bħala “Dok. A”, magħmula mill-Perit tal-konvenut stess meta żar il-proprjeta’ ta’ l-atturi;

“Illi din l-istima ma tinkludix id-danni kaġunati fuq il-poġġaman tat-taraġ u fil-bieb ta’ barra ta’ l-atturi;

“Illi l-konvenut ġie nterpellat sabiex iħallas id-danni li ġew ikkaġunati fuq il-fond ta’ l-atturi u baqa’ inadempjenti;

“Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex m’għandhiex din il-Qorti għar-raġunijiet premessi:

“1. tiddikjara li hu responsabbli għad-danni li ġew ikkaġunati fil-proprjeta’ ta’ l-atturi;

“2. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ elf, seba’ mija u tmienja u erbgħin Lira Maltin u erbatax-il ċenteżmu (Lm1,748.14), liema somma ġiet stmata bħala danni kkaġunati fuq il-proprjeta’ ta’ l-atturi mill-Perit tal-konvenut stess, jew f’somma oħra verjuri, okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi;

“3. tillikwida d-danni kkaġunati fil-bieb ta’ barra u fuq il-poġġaman tat-taraġ li ma ġewx inklużi fl-istima tal-Perit tal-konvenut u liema danni ma jeċċedux is-somma ta’ ħames mitt Lira Maltin (Lm500);

“4. tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta’ elf, seba’ mija u tmienja u erbgħin Lira Maltin u erbatax-il ċenteżmu (Lm1,748.14) jew somma oħra verjuri kif mitlub fit-tieni talba;

“5. tikkundanna lill-konvenut iħallas dik is-somma hekk likwidata kif mitlub fit-tielet talba.

“Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata 31 ta’ Lulju, 2000 u bl-interess legali kontra l-konvenut Kenneth Mizzi li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kenneth Mizzi li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Illi l-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* li m’huwiex il-leġittimu kontradittur, u dan peress illi m’huwiex il-proprjetarju tal-fond adjaċenti għal dak ta’ l-atturi;
“2. Illi bla preġudizzju għall-premess il-konvenut ma nkariga lil ħadd biex jagħmel ix-xogħlijiet kif hu allegat fil-premessi taċ-ċitazzjoni u għalhekk ukoll, u salv dak li ser jingħad iktar tard, m’huwiex u ma jistax ikun responsabbli għad-danni li allegatament saru fil-proprjeta’ ta’ l-atturi;

“3. Illi bla preġudizzju għall-premess, jirriżulta mill-premessi taċ-ċitazzjoni li x-xogħlijiet imsemmija saru minn terzi u għalhekk kwalunkwe dannu li seta’ sar fil-proprjeta’ ta’ l-atturi talvolta ġie kaġunat mill-istess terzi u mhux mill-konvenut u li għalhekk ukoll m’huwiex responsabbli;

“4. Illi bla preġudizzju għall-premess, *stante* li kif ingħad iktar ’il fuq huwa ammess fiċ-ċitazzjoni stess li x-xogħlijiet ma sarux mill-konvenut, u tenut kont taċ-ċitazzjoni kif intavolata, il-konvenut qatt ma jista’ jinstab responsabbli għall-fatt biss illi seta’ nkariga lil ħaddieħor biex iwettaq ix-xogħlijiet;

“5. Illi bla preġudizzju għall-premess id-danni reklamati mill-atturi huma fi kwalunkwe każ eċċessivi;

“6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.”

Rat illi b'digriet tat-23 ta' Gunju 2004, giet kjamata fil-kawza s-socjeta` S.A.K Limited;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` kjamata fil-kawza li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni fil-konfront tagħha *stante* li għaddew iktar minn sentejn u dan a tenur ta' l-Artiklu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

"2. Fit-tieni lok u bla preġudizzju, id-danni reklamati mill-atturi huma fi kwalunkwe każ eċċessivi.

"3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' April 2008, li in forza taghha giet respinta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta` kjamata fil-kawza, bl-ispejjez kontra taghha;

Rat li minn din is-sentenza ma gie intavolat ebda appell;

Rat is-sentenza fil-meritu li l-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili tat fis-26 ta' Ottubru 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"... ... filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tas-soċjeta' msejħa fil-kawża u għalhekk:

"1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-soċjeta' S.A.K. Limited responsabbli għad-danni kaġunati lill-atturi;

"2. tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni għas-somma ta' tliet elef, disa' mija u tnejn u disgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€3,992.87);

"3. tillikwida d-danni msemmija fit-tielet talba għas-somma ta' seba' mitt Ewro (€700);

"4. tikkundanna lis-soċjeta' msejħa fil-kawża tħallas is-somma ta' tliet elef, disa' mija u tnejn u disgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€3,992.87) lill-atturi;

"5. tikkundanna lis-socjeta' imsejħa fil-kawża tħallas is-somma ta' seba' mitt Ewro (€700) lill-atturi;

"L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjeta' msejħa fil-kawża."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-atturi qed jirreklamaw danni għal ħsarat li sofrew fil-proprjeta' tagħhom fil-kors ta' xogħlijiet li saru fi proprjeta' adjacenti da parti tas-soċjeta' konvenuta. Inizjalment, billi l-atturi kienu tkellmu mal-konvenut fir-rigward, il-kawża saret kontra tiegħu. Kien fil-kors tal-kawża li rrealiżżaw li s-sid kienet fil-fatt is-socjeta' S.A.K. Limited li ġiet allura mbagħad msejħa fil-kawża.

"Jirriżulta ċar mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tas-soċjeta' msemmija li din imkien ma kkontestat li saru l-ħsarat lamentati mill-atturi, u jidher li l-kontestazzjoni kienet aktar fir-rigward tal-ammont ta' danni li kellhom jitħallsu. *Del resto*, jirrizulta car għall-Qorti li dawn il-ħsarat saru u ġew kaġunati mix-xogħlijiet in kwistjoni. Jirriżulta anzi li s-somma ta' elf, seba' mija u erbatax il-Lira Maltin u erbatax-il ċenteżmu (Lm1,714.14) mitluba fit-tieni talba ġew konstatati u ċertifikati mill-perit tal-istess konvenuti, u l-istess perit kien ġie nkarigat mix-xogħolijiet in kwistjoni. Kwindi m'hemmx dubju li din it-talba għandha tiġi milqugħa. L-attur pero' jsostni illi huwa kellu ċirka ħames mitt Lira Maltin (Lm500) ħsara oħra li ma kienux ġew inklużi f'din l-istima. Jidher ukoll li l-attur innifsu huwa raġel tas-sengħa u għamel ċertu xogħlijiet huwa stess. Madankollu ma żammx ir-riċevuti tal-ispejjeż li qed jirreklama, għalkemm il-Qorti li semgħet il-provi ma tiddubitax il-kelma tiegħu li fil-fatt saru spejjeż oħra *oltre* l-istima tal-perit.

"F'ċerti każi meta l-Qorti jkollha ċertu problemi biex tikkwantifika d-danni bi preċiżjoni u r-regoli normali għal

tali kwantifikazzjoni ma jistgħux strettament jiġu osservati, il-Qorti stess dejjem tista' f'ċerti ċirkostanzi takkorda d-danni *arbitrio boni viri* kif jiġi osservat fis-sentenza mogħtija fil-kawża **"Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Company Limited"** (1560/95 PS) meta ntqal li *ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant anke fis-sistema ta' liġi tagħna l-poter diskrezzjonali illi jilliwkida t-telf u l-qliegħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva ... Indiskutibbilment il-ġudikant ma jistax lanqas f'dawn il-każi ma jipprexxindi mill-fatt illi l-parti istanti mhiex esonerata mid-dmir illi li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dak il-fattijiet li tkun taf bihom għall-iskop ta' determinazzjoni ta' telf. Min-naha tiegħu l-ġudikant hu tenut jagħti piż debitu lil dawk l-elementi kollha tal-każ konkret akkwisiti fil-proċess.* Il-Qorti f'din is-sentenza, mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2004 iċċitat ukoll sentenzi riportati fil-Vol XXXV pt iii paġna 615 u Vol XXIX-i-1285.

"F'dan il-każ il-Qorti se tillikwida dawn id-danni għas-somma sebgħa mitt (700) ewro li għandhom naturalment jiżdiedu mas-somma ta' tliet elef, disa' mija u tnejn u disgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€3,992.87) – ekwivalenti għal elf, seba' mija u erbatax-il Lira Maltin u erbatax-il ċenteżmu (Lm1,714.14) fuq imsemmija. Billi s-somom intalbu fiċ-ċitazzjoni għandu jitħallas imgħax mid-data tan-notifika tas-soċjeta' msejħa fil-kawża."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` kjamata in kawza S.A.K Ltd li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:
"... ... tirriforma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2009, fl-ismijiet Joseph u Carmen konjugi Calleja vs Kenneth Mizzi u b'digriet tat-23 ta' Gunju 2004, giet kjamata in kawza s-socjeta` S.A.K Limited billi filwaqt li tilqa' l-ewwel talba tal-atturi fil-konfront tas-socjeta` appellanti, tichad it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet tal-atturi ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi."

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu biex l-appell tal-kumpanija appellanta jigi michud fl-intier tieghu u bl-ispejjez kontra taghha;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza, l-atturi qed jitolbu kumpens ghall-hsarat li garrbu fil-fond taghhom konsegwenza tax-xoghlijiet li wettqet is-socjeta` konvenuta fil-fond biswit. Is-socjeta` konvenuta ma kkontestatx ir-responsabbilta` ghall-hsarat, pero`, kien hemm nuqqas ta' qbil dwar kemm ghandu jkun il-kumpens, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. L-ewwel Qorti llikwidat kumpens fis-somma ta' €3,992.87 ghall-hsarat strutturali li saru fil-fond tal-atturi, u fis-somma ta' €700 ghall-hsarat fil-poggaman tat-tarag u l-bieb ta' barra.

Is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenza, bl-aggravju jkun li l-ewwel Qorti mxiet fuq <u>stima</u> tal-hsara, izda ma tressqet ebda prova li fil-fatt <u>l-ispiza</u> kienet ekwivalenti ghall-istima.

Illi jirrizulta li x-xoghlijiet rimedjali ma sarux min-nies imqabbda mill-atturi, izda saru mill-attur stess u dan peress li huwa ragel tas-sengha. L-attur, pero`, ma zammx nota tal-hin li ghamel jirranga l-post, u lanqas ma pproduca ricevuti tal-affarijiet li xtara biex ghamel ix-xoghol, u ma jirrizultax x'tip ta' materjal uza biex wettaq ix-xoghol rimedjali. L-atturi ma taw ebda indikazzjoni tat-telf effettiv li garrbu. Id-dannu materjali ghandu jigi kalkolat a bazi ta' dak li gie mitluf minn min sofrieh. Ma gie ppruvat bl-ebda mod li bil-fatt li x-xoghol sar mill-attur innifsu l-atturi sofrew xi telf ta' qliegh, u kif inghad lanqas ricevuti ta' xi spejjez inkorsi ma gew esebiti. L-atturi kienu jafu li riedu jaghtu rendikont tal-ispiza, izda, stranament, ma zammew ebda ricevuta u *log* taz-zmien utilizat biex saru t-tiswijiet. Peress li l-attur hu fil-mestier, ma jistax jigi eskluz li hu ghamel uzu minn materjal li kien disponibbli

ghalih, u din il-Qorti ma tarax li ghandha taghti kumpens skont l-istima meta ma rrizultax x'materjal intuza, u x'tip ta' xoghol sar fuq il-post. Il-kwantitajiet u l-misuri ghamilhom il-perit meta hadem fuq l-istima, u hadem fuq il-prezzijiet kurrenti minghajr ma qies li x-xoghol sar mill-attur innifsu.

Il-provi fir-rigward tal-ammont tad-danni ma humiex tant lineari u lanqas ben stabbiliti, u allura tara li ghandu jkun hemm temperament fl-ammont likwidat mill-ewwel Qorti; l-ammont li se tillikwida l-Qorti huwa ta' €2,329.37 (ekwivalenti ghall-Lm1,000).

Dwar il-hsarat fuq il-poggaman u l-bieb ta' barra, l-attur xehed li ghamel circa Lm500 spejjez. Hawn ukoll ma gew pprezentati ebda ricevuti u lanqas stima tal-hsara. L-ewwel Qorti, fin-nuqqas ta' provi u *ex acquo et bono* illikwidat kumpens ta' €700 (circa Lm300). Din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba dan l-ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-ewwel Qorti ghax tidher wahda gusta fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` kjamata fil-kawza billi tilqa' l-istess in parte, u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens biss li s-somma likwidata ghal fini tat-tieni u r-raba' decide ghandha tkun €2,329.37 (flok €3,992.87), u tikkonfermaha ghall-bqija.

L-ispejjez marbuta mas-sentenza tat-23 ta' April 2008, jithallsu mis-socjeta` S.A.K Limited kif deciz fl-istess sentenza, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha tal-kawza jithallsu kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mill-atturi, u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mis-socjeta` S.A.K Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------